**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 t'Awissu, 2022

**Ir-Repubblika ta'Malta**
**-vs-**
**Maria Magdalena Sultana, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0584676M**

*Kumpilazzjoni Nru. 509/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Maria Magdalena Sultana** u ċioe` talli:[1]

> Fix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2021 u s-snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Għamlet atti ta' *Money Laundering* billi*:*
>
>     i. Ikkonvertiet jew ittrasferixxiet proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
>
>     ii. Ħbiet jew uriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet inkisbet

[1] Fol.45-48

direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii. Akkwistat, ippossediet jew użat proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv. Irriteniet mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v. Ittantat tagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi. Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

2. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara tad-**Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali** u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

3. Għamlet xi qliegħ b'qerq għad-detriment tad-**Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali** u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

4. Sabiex kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha inniffisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika u kwalunkwe awtoritajiet oħra (anke jekk mhux awtoritajiet pubbliċi), xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħat tagħrif falz u dan billi naqset li tiddikjara il-qliegħ tagħha mal-**Kumissarju tat-Taxxa** u/jew entitajiet oħra;

5. Approfittat ruħha mill-bluha ta' ħaddieħor, bi ħsieb ta' qligħ u ġiegħlet min jemmen li hija tista' tindovina jew li tista' tkun taf x'għandu jiġri jew li tista' tfisser il-ħolm;

Kif ukoll talli fl-istess żmien, u ċioe bejn is-snin 2009 u 2021, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

6. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* mogħtija lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nhar il-erbatax (14) ta' Diċembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

7. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. nhar is-sitta (6) ta' Jannar, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

8. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

9. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* mogħtija lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

10. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' libertà kundizzjonata mogħti lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Imħallef Dr. Michael Mallia LL.D. nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

11. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' libertà kundizzjonata mogħti lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar il-sebgħa (7) ta' Marzu, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

12. Irrendiet ruħha reċidiva *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

13. Naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-23 ta' Jannar 2013, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputata jew huma propjetà tagħha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha, *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering*,

Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, *ai termini* tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Maria Magdalena Sultana u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Maria Magdalena Sultana, u dan *ai termini* tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex is-somma ta' ħdax-il elf euro (€11,000.00) bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputata, *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tas-6 ta' Ġunju, 2022, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Ġunju, 2022,[3] permezz ta' liema bagħtet lill-imputata biex tiġi ġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 338(l) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(v) Fl-artikoli 7, 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
(vi) Fl-artikoli 7, 22, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.
(vii) Fl-artikoli 28A, 28B, 28F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Fol.1124
[3] Fol.1124-1125

(viii) Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ix) Fl-artikoli 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(x) Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 23D, 31, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2022[4], l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3) u ħamsa (5) miġjuba kontra tagħha.

Rat li fl-istess seduta, l-imputata tagħat il-kunsens tagħha biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[5]

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet li ammettiet għalihom, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħatat żmien xieraq sabiex jekk riedet setgħet terġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3) u ħamsa (5) miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3) u ħamsa (5) kif minnha ammessi.

Ikkunsidrat ukoll,

Jibqa' għalhekk biex jiġu determinati l-imputazzjonijiet numru 4, u cioe l-għoti ta' dikjarazzjoni falza lill-Kummissarju tat-Taxxa u/jew entitajiet oħra, kif ukoll l-imputazzjonijiet numru 6 sa 12 li jirrigwardaw ksur ta' ordnijiet ta' *probation* (imputazzjonijiet numru 6 u 9; ksur ta' sentenzi sospiżi (imputazzjonijiet numru 7 u 8) ksur ta' kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest (numru 13) ksur

[4] Fol.1170
[5] *Ibid.*

ta' ordni ta' libertà kondizzjonata (imputazzjonijiet numru 10 u 11) u l-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali (imputazzjoni numru 12).

<u>Dikjarazzjoni Falza mal-Kummissarju għat-Taxxi: Imputazzjoni Nru. erba' (4)</u>

L-allegazzjoni rigward din l-imputazzjoni hi li l-imputata ma kienitx tiddikjara l-VAT li tiġbor mingħand klijenti kif ukoll li lanqas ma kienet tiddikjara d-dħul (*income*) ġenerat mis-servizz li kienet tagħti ta' *fortune telling.*

**L-Ispettur Joseph Xerri**[6] li kien l-investigatur ewlieni jagħti r-retroxena tal-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija w r-riżultanzi tagħhom. L-investigazzjoni taf il-bidu tagħha wara rapport li sar mal-pulizija li l-imputata kienet qed tilgħab ammont sostanzjali ta' flejjes ġewwa *casinos* lokali fejn l-ammont li kienet qed tilgħab ma kinux konformi mal-introjtu li hija kien qed ikollha. Saru talbiet għall-informazzjoni ma diversi entitajiet fosthom dawk governattivi, banek u *casinos*. Jixhed: *"irriżulta li minn naħa ta' JobsPlus hija kienet ħadmet bejn is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992) u l-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn f'dak il-perjodu kienet biddlet sitta u għoxrin (26) xogħol u fi tlieta (3) minnhom in-note tat-termination kienet "dismissal, disciplinary reasons." L- aħħar xogħol li kellha reġistrat is-Sinjura Sultana kien ma' Jos. Debono Jewellers mnejn hija kienet ġiet imkeċċija fil-ħmistax (15) ta' Diċembru tas- sena elfejn u tmienja (2008) fuq serq ta' ċekkijiet. Kien ikkonfermat ukoll li dwar dan kienu bdew proċeduri kriminali nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas- sena elfejn u tmienja (2008), cioé tlett (3) ijiem qabel ma hija itterminat ix-xogħol.*[7] *Mill-investigazzjoni irriżulta ukoll li s-Sinjura Sultana fis-sena elfejn u tnax (2012) kienet bdiet business fejn kienet irreġistrat mad-Dipartiment tal-VAT b'effett mill-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) u kien inħarġilha ċertifikat tal-VAT bin-numru MT19415530. Dan kien irriżulta minn diversi rapporti li ukoll konna rajna fid-database tagħna fejn diversi impjegati, persuni li qalu kienu impjegati magħha mal-kumpanija Futura International fl-istess sena cioé fis-sena elfejn u tnax (2012) kienu qalu illi kienu tawha flejjes sabiex jieħdu taħriġ kif ukoll flejjes għall-uniformi, normalment mitt ewro (€100) għal taħriġ, però dawn qatt ma kienu ngħataw dan it-taħriġ, u hemmhekk ukoll kienu nbdew proċeduri li dawn il-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Maġistrat Dr Josette Demicoli. U fil-fatt ukoll is-Sinjura Sultana dwar dak il-każ qiegħda fuq il-bail mill-Qorti. Irriżulta ukoll illi sa minn meta kienet ħadet in-numru tal-VAT tagħha hija qatt ma kienet iddikjarat ebda bejgħ mad-dipartiment, però minn tfittxijiet li kienu saru fir-residenza tagħha, instab receipt book*[8] *użat li minnu nħarġu ħmistax-il (15) irċevuta li tnejn minnhom kienu ġew ikkanċellati, u t-total tal- irċevuti l-oħrajn kien ta' ħamest elef mitejn disgħa u tmenin ewro u erbgħa*

---

[6] Notamenti tax-xiehda tiegħu esibiti bġala **Dok.JXN** a fol.326 *et seq*

[7] Fol.310

[8] Fol.325

*u tmenin ċenteżmu (€5,289.84c). Minnhom, three hundred fifty-three point sixty-two (353.62) kienu qegħdin miktubin fuq erba' (4) irċevuti ta' dati elfejn u tnax (2012), elfejn mitejn wieħed u ħamsin ewro u seventy-two cents (€2,251.72c) f'erba' (4) irċevuti datati elfejn u sittax (2016), u elfejn sitt mija erbgħa u tmenin ewro u fifty cents (€2,684.50c) f'ħames (5) irċevuti datati fis-sena elfejn u tmintax (2018). Minn informazzjoni miġbura mid-dipartiment tal-Inland Revenue fi ħdan il- Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta ukoll li matul l-aħħar għaxar (10) snin is- Sinjura Sultana ma kellha l-ebda introjtu iddikjarat.*[9] *….Fir-rigward ta' informazzjoni miġbura mis-Social Security Department irriżulta li mit-tnejn (2) ta' Jannar tal-elfejn u sittax (2016) hija kienet qed tirċievi diversi benefiċċji soċjali u dan minħabba li hija kienet unemployed person. Minn kalkoli li għamilna aħna jirriżulta li mill-elfejn u sittax (2016) sa qabel l-arrest tagħha hija kienet irċeviet total ta' ħamsa u tletin elf, mija u tnejn u tletin ewro u tletin ċenteżmu (€35,132.30c). Skont l-informazzjoni li għaddewlna s-Social Security dawn kienet tirċevihom permezz ta' ċekkijiet indirizzati fuq id-dar residenzjali tagħha. Apparti minn dan il-benefiċċju hija tirċievi ukoll energy benefit li huwa ibbażat fuq il-konsum tad-dawl u l-ilma u jitnaqqas direttament mill-kontijiet tagħha."*[10]

Jiġi mfakkar dak li xehed Debono fejn semma kif tul is-snin 2016 l-quddiem ma kienitx daħħlet *tax returns*![11]

L-ispettur jispjega li minn riċerki li saru ma diversi *casinos* irriżulta li *"bejn l-elfejn u disgħa (2009) u l-elfejn u għoxrin (2020) is-Sinjura Sultana kienet lagħbet total ta' two hundred and three thousand six hundred and four euros (€203,604) fejn għamlet cash outs fl-ammont ta' madwar sebgħa u ħamsin elf erba' mija u disgħin ewro (~ €57,490). ……. L-ammonti speċifikajt li lagħbet jinkludu wkoll id-drop għax mhux il-casinos kollha kienu f'pożizzjoni li jispeċifikawlna l-ammont li daħħlet hi ġewwa l-casino. Mill- analiżi tal-visits tagħha, irriżulta li l-bulk tal-logħob kien sar fis-sena elfejn u disgħa (2009) fejn marret erbgħa u tletin (34) darba ġewwa l-Oracle Casino, l-elfejn u sbatax (2017) fejn marret tnejn u sebgħin (72) darba ġol-Oracle Casino u darba fil-Casino Malta. Fl-elfejn u dsatax (2019) fejn kellha sebgħa u sittin (67) visit huma t-total tal-erba' casinos, u fl-elfejn u għoxrin (2020) għaxar (10) visits ġewwa l-Oracle, Portomoso, Casino Malta bħala total. …..Mill-analiżi li saret irriżulta ukoll illi fl-elfejn u dsatax (2019) ġewwa d-Dragonara Casino hija lagħbet sitta u tmenin elf ewro (€86,000) u għamlet cash outs li jammontaw għal erbatax-il elf u seba' mitt ewro (€14,700). It-total li hija iddepożitat flus tagħha ġewwa Casino Malta kien ta' sitta u tletin elf ewro (€36,000) filwaqt li t-total ta' flejjes li ntlagħbu ġewwa l-Portomaso Casino u l-Oracle Casino li t-tnejn huma amministrati minn Tumas Group kien ta' sebgħa u sittin elf, disa' mija ħamsa u ħamsin ewro (€67,955). Mat-Tumas Group hija kienet iddikjarat li taħdem bħala cleaner, filwaqt li ma' Casino Malta l-occupation tagħha hija iddikjarata bħala business. Mill-investigazzjonijiet li saru ma irriżultax li*

[9] Fol.311
[10] *Ibid.*
[11] Fol.220

*s-Sinjura Sultana seta' kellha dawk l-ammonti ta' flejjes li hija kienet qed tilgħab ġewwa dawk il-casinos."* [12]

L-Ispettur Xerri jkompli li minn analiżi tas-*social media* sat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) Sultana kienet qed tagħmel użu minn *profile* bl- isem ta' *Meg Sultana* li ġie krejat għal ħabta tal-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018); hemmhekk bdew jidhru l-ewwel ritratti relatati ma' spiritwaliżmu u kienet qed iżżomm ukoll paġna bl-isem *"Fortune Teller – Spiritual Malta New Age Magic Wicca"*. Din il-paġna kienet ġiet krejata nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Wara din id-data mbagħad, cioe tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) jidher li hija kienet bdiet tuża *profile* bl-isem *"Fortune Teller"*. Il-ħaġa komuni f'dawn iż-żewġ *profiles* kif ukoll fil-paġna msemmija hi li kull darba jitla' n-number tal-mobile 79386185. Irriżulta ukoll li l-*profile* Meg Sultana kien qed jagħmel *share* ta' diversi *posts* li jkun hemm fuq il-paġna Magic Lucca. Instabu diversi *posts* li kienu qed jirreklamaw diversi servizzi relatati ma' *fortune telling* u ta' *Lot reading* fejn dawn kienu qed jiġu offruti għall-prezz ta' ħamsa u tletin ewro (€35) jew għoxrin ewro (€20) skont il-każ. F'dawn il-paġni ukoll jidhru diversi ritratti tal-imputata. B'hekk kien ġie konkluż li s-Sinjura Sultana kienet qed tagħmel qligħ li kien ġie minn servizzi u bejgħ ta' materjal relatat ma' *fortune telling* u ta' *lot reading* fejn hija kienet użat dawn il-flejjes ġewwa l-*casinos* lokali fejn filwaqt li ma kienet qed tiddikjara xejn minn dan l-introjtu mal-awtoritajiet lokali.[13]

Wara l-ħruġ ta' mandat għat-tfittxija fir-residenza tal-imputata f'Ħal-Għaxaq, instabu ammont kbir ta' kaxxi inċens u pakketti ta' *herbs,* mazzijiet ta' karti tal-qari tax-xorti, diversi oġġetti elettroniċi fosthom *mobile phones* u *tablet*, diversi *diaries* li fuqhom ġew innotati appuntamenti li kienu relatati ma' qari tax- xorti, *Wiga board* u ħames (5) kaxxi relatati ma' oġġetti ta' qari tax-xorti u spiritwalità fosthom diversi pupazzi ġo fihom. Minn *unit* ġewwa l-*living room* inġabru żewġ *envelopes* li kien fihom total ta' tlett elef sitt mija u tmenin ewro (€3,680) u minn ġo kexxun ġo desk fl-istess kamra nstab *envelope* ieħor total ta' erba' mija u erbgħin ewro (€440) fi flus kontanti.[14]

Tul il-kumpilazzjoni diversi kienu l-persuni li stqarrew li bejn is-snin 2020-2021, kienu jieħdu servizzi ta' qari tax-xorti mingħand l-imputata; oħrajn kienu jħallsuha biex tagħmel *spells* fuqhom u fuq terzi, għal liema servizzi kienu jħallsu mingħajr ma jingħataw riċevuti fiskali għalihom.[15]

---

[12] Fol.312-313
[13] Fol.313-314
[14] Fol.315-316
[15] Vide depożizzjonijiet tad-diversi xiehda a fol. 587; 625; 678; 682; 685; 690; 694; 706; 745; 758; 765; 768; 770; 777; 781; 784; 788; 819; 854; 857; 858; 891; 897; 902; 904; 906; 913 u 1065. Vide ukoll **Dok.EMG** a fol.635 *et seq;*

**Louis Buhagiar,** in rappreżentanza ta' Jobsplus, xehed li l-aħħar impjieg tal-imputata reġistrat ma Jobsplus spiċċa fil-15 ta' Diċembru 2008.[16]

**Saviour Theuma** in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali esibixxa dokument li juri l-ħlasijiet li saru lill-imputata bejn l-2008 u l-2021 bl-ammont ilaħħaq €56,360,78. L-akbar ammonti ġew riċevuti fis-snin 2014 il-quddiem b'medja ta bejn €5,000-€6,000 elef. Madankollu w għalkemm ġiet reġistrata ammissjoni għall-imputazzjoni dwar frodi għad-detriment tad-dipartiment ta' servizzi soċjali, dawn l-ammont jiksbu rilevanza in kwantu għall-imputazzjoni numru 4, l-għoti ta' dikjarazzjoni falza lid-dipartiment tat-taxxa.[17] Jispjega *"F'dan il-każ meta s-Sinjura qed tieħu s-social assistance llum, għax is-social assistance tingħata biss jekk għandek tfal taħt is-sittax-il sena joqgħodu miegħek jew inkella jekk tkun ma tiflaħx jekk tkun xi ħaġa dan, is-Sinjura raha l-bord tagħna għax kienet qaltilna u ġabet xi ċertifikati, ra l-bord u l-bord iddeċieda li hija għandha xi ħaġa li tista' tieħu dan is-social assistance. .... social assistance qed tieħu minħabba mard"*[18] Madanakollu ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni jgħid l-assistenza soċjali li rċeviet għal x'hiex kienet u cioe jekk hux *unemployment benefit, childrens allowance jew sickness benefit.*[19] L-ewwel ħames kolonni murija fid-dokument preżentat – UA sa SUB - minnu huma lkoll benefiċċji li jittieħdu minħabba li l-persuna tkun *unemployed*[20]

**Joseph Debono,** in rappreżentanza tal-Kummissarju għat-Taxxi, jixhed li għas-snin bażi 2008-2009 Sultana kienet *non-filer* u ma iddikjarat l-ebda dħul. Għas-sena bażi 2010 kienet *non-filer* u kellha dħul ta' €647 ma' EC English Malta Limited.[21]

Jiġi rilevat li persuna tkun *non-filer* sakemm tkun fuq *social assistance/social benefits,* fejn dik il-persuna ma tkunx obbligata tagħmel l-ebda dikjarazzjoni ta' taxxa iżda tirċievi r-rendikont tad-dħul mid-dipartiment. Jekk il-persuna taqbel mar-rendikont kalkolat mill-Kummissarju għat-Taxxi, ma jkun jinħtieġ l-ebda azzjoni ulterjuri minn naħa tagħha. Iżda jekk ikun il-każ li dik il-persuna tkun reġistrat dħul, tkun obbligata li titlob li tintbgħatilha *tax return* biex tkun f'pożizzjoni taġġusta l-income tagħha.

Bejn is-snin bażi 2011-2014 Sultana imliet it-*tax returns* fejn iddikjarat dħul bejn *social benefits* u *income* ieħor: Fl-2011 dħul kien ta' €*1044* bħala *social security*; fl-

[16] Fol.203
[17] **Dok.ST** a fol.214
[18] Fol.210
[19] Fol.212
[20] Fol.212
[21] Fol.219

2012 dħul ta' €139 ma' EC English Malta Limited u €384 bħala *social security benefits*. Fl-2013 imliet it-*tax return* minkejja li hija ma iddikjarat xejn u fl-2014 iddikjarat dħul ta' €394 *social security benefits*. Għas-snin 2015 inħarġu *tax returns* iżda Sultana ma mlithomx u d-dipartiment ma ħariġx *estimations*. Għas-snin 2016, 2017 Sultana ġiet mitluba timla *tax returns* pero ma mliethomx u d-dipartiment ħareġ stimi. *"Issa, għas-sena bażi eighteen ('18), nineteen ('19) u twenty ('20), l-istess, it-tax payer kienet mitlub timla t-tax return, dawn ħarġu t-tax returns però sal-lum għadhom ma ġewx filed, għadhom ma ġewx sottomessi għas-sena bażi ('18), nineteen ('19) u twenty ('20), jiġu snin ta' stima nineteen ('19), twenty ('20) u twenty-one ('21)."*[22]

Debono kompla billi esebixxa *statement* tat-*tax liability* li għandha l-imputata fejn għandha l-*pure tax* ta' €464, multi għal *late submission* ta' €460 (dovuti għal meta t-*tax payer* bagħtet it-*tax returns* tard u weħlet ukoll xi interessi), biex sal-jum li xehed, l-ammont dovut lid-dipartiment tat-taxxi kien ta' €1,013.[23] Kompla li l-imputata ma kellha ebda *PE number* taħt l-*ID card number* tagħha 584676M bħala *employer*[24] filwaqt li l-kumpanija Futura International Limited[25] mhix reġistrata għat-taxxa u b'hekk qatt ma daħħlet *tax returns*.[26]

Hu ovvju li kemm il-darba Sultana għażlet li tagħmel *tax declaration* minkejja li ma kellha l-ebda obbligu tagħmilha, l-informazzjoni li kellha tingħata permezz tad-dikjarazzjoni tagħha kellha tkun waħda vera w korretta.

Jirrizulta mix-xhieda tal-klijenti tal-imputata li dawn għamlu użu mis-servizzi tagħha **fl-aħħar sentejn,** u ċioe mill-2020 l-quddiem, u għalhekk <u>skatta l-obbligu tagħha li tiddikjara d-dħul ġaladarba ma baqgħetx dipendenti biss fuq benefiċċji soċjali</u>. Madanakollu bis-sempliċi fatt li din **naqset milli tiddikjara** t-taxxa fuq l-*income* ma tista' qatt tinstab ħtija li **għamlet dikjarazzjoni** falza kif kontemplat bl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, ir-raba imputazzjoni.

Issa diġà saret riferenza kif minn tfittxija fir-residenza tal-imputata nstab *VAT Receipt book* Nru. MT19415530.[27] L-Ispettur Xerri għamel elenku tal-irċevuti maħruġa minn dan il-ktieb li jkopru l-perjodu mill-21 ta' Novembru, 2011 sal-18 ta' Ġunju 2018.[28] B'kollox inħarġu riċevuti għall-ammont ta €5,289.84.

---

[22] Fol.220
[23] **Dok.JD** a fol.222 *et seq*
[24] **Dok.JD1** a fol.250
[25] **Dok.JD2** a fol.251
[26] Fol.219-221.
[27] **Dok.JX5** a fol.325.
[28] **Dok.JX5** a fol.324

In rappreżentanza tal-Kummissarju għat-Taxxi, Sezzjoni tal-VAT, xehed **Dr. Miguel Balzan** fejn iddikjara li l-kumpanija Futura International ma kienitx reġistrata għall-VAT. Mill-banda l-oħra Maria Magdalena Sultana, ID Card 584676M ilha reġistrata bħala *sole trader* mit-28 ta' Lulju, 2009 bl-*economic activity* tagħha tkun dik ta' "*non-specialised wholesale trade*". Sat-23 t'Awissu, 2021 l-imputata kellha tħallas lid-dipartiment tal-VAT l-ammont *"€1,969.25 representing tax, peanlties and interest"*[29] Mix-xiehda ta' Dr. Balzan jirrizulta li l-imputata ma dikjarat l-ebda dħul bejn 1 ta' Jannar 2010 sa 31st Lulju 2012 u lanqas għall-perjodu bejn Awissu 2012 u Diċembru 2012. Dan minkejja li mill-*VAT Book*[30] jidhru li fis-sena 2012 nħarġu riċevuti li jammontaw għal €353.62.[31] Bejn Ottubru 2014 u Frar 2016 l-imputata ma daħlitx ir-*return* tant li dan wasal lid-dipartiment tal-VAT joħroġ *estimate.*

Il-Qorti tinnota li sal-aħħar ta' Frar 2016 Sultana kienet reġistrata bħala kategorija "A". Iżda mit-*tax period* 01/03/2016 il-quddiem[32] hi ġiet reġistrata bħala kategorija "B" li skond **Marjes Galea,** mid-dipartiment tal-VAT, tfisser *"Id-declarations ma kienux required".*[33]

Għaldaqstant il-Qorti trid tikkunsidra jekk ir-raba imputazzjoni tirriżultax in kwantu għal dikjarazzjonijiet qarrieqa kif addebitata mad-dipartiment tal-VAT fiż-żmien li kienet għadha reġistrata fi-kategorija "A" u ċioe minn Jannar 2010 sa Diċembru 2012.

F'dan ir-rigward jiġi sottolinejat li d-dokumenti li esibixxa Dr. Balzan mhumiex l-formoli li l-VAT jibgħat biex jimtlew mill-persuna reġistrata mad-dipartiment tal-VAT bil-għan li jimtlew u jintbagħatu lura d-dipartiment mit-*tax payer*. Dak li hawn esibit fl-atti mhu xejn għajr *records* interni maħruġa mis-sistema tad-dipartiment. Fil-każ in deżamina qed jiġi allegat li saret dikjarazzjoni falza w għalhekk kien meħtieġ li jiġu esibiti l-formoli proprji li tkun bagħtet it-*tax payer* li minnhom infushom, *ictu oculi,* jirrizulta li din bagħtet il-formola b'dikjarazzjoni ta' *"0"/"Nil return"* jew informazzjoni simili.
Ċertament dawn id-dokumenti esibiti qatt ma jistgħu jikkostitwixxu l-aħjar prova għaliex l-aħjar prova hi propju d-dikjarazzjoni falza nnifisha. Hu dan id-dokument li minnu nnifsu għandu jipprova li saret dikjarazzjoni falza minnha u taħt il-firma tagħha, kif wara kollox ġie esibit mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Debono. Jingħad l-ovvju: meta persuna qed tiġi imputata li għamlet dikjarazzjoni falza ikun essenzjali li tiġi esibita dik id-dikjarazzjoni kontenti l-informazzjoni falza u mhux dokument li hu biss *record*

---

[29] **Dok.MB** a fol.272
[30] **Dok.JX5** a fol.325.
[31] **Dok.JX5** a fol.324
[32] Fol.285-289
[33] Fol.1129

ta' data jew informazzjoni li tipproċessa tali dokumentazzjoni fejn żbalji w inkorretezzi mhux esklużi.

Kemm il-darba din naqset għal kollox milli tibgħat id-dikjarazzjoni tagħha allura ma jista' qatt jingħad li għamlet xi dikjarazzjoni <u>falza</u> (jew veritjiera) għas-snin 2010-2012 meta kienet għada f'kategorija "A" u għalhekk obbligata tibgħat *return*! Mill-baħħ ma tista' tikkonkludi xejn!

Konsegwentement fin-nuqqas tal-aħjar prova li tissostanzja r-raba imputazzjoni, l-imputata mhux qed tinstab ħatja dwarha.

<u>Imputazzjonijiet dwar Ksur ta' *Probation*, Twettiq ta' Reati f'Perjodu Operattiv ta' Sentenzi Sospiżi w Ksur ta' Ordnijiet ta' Libertà Kondizzjonata</u>.

L-Ispettur Xerri ppreżenta numru ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputata li lkoll fihom il-konnotati tal-imputata. Inoltre dawn is-sentenzi huma kollha *res judicata* kif xehdu d-deputat Reġistratur Deandra Zerafa[34] u l-Assistent Reġistratur Stefania Calafato Testa.[35]

- <u>Ksur Libertà Kondizzjonata: Imputazzjonijiet Numru 10 u 11</u>

**7 Marzu 2018** mogħtija mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo li permezz tagħha l-imputata ingħatat *conditional discharge* għall-żmien tlett xhur.[36] Fil-**15 ta' Jannar 2015** l-Imħallef Dr. Michael Mallia illibera lill-imputata taħt kondizzjoni għal sena. [37]

- <u>Ksur t'ordnijiet ta' Probation: Imputazzjonijiet numru 6 u 9:</u>

Fl-**14 ta' Diċembru 2009** b'sentenza mogħtija mill- Maġistrat Dr. J. Padovani, Sultana tqegħdet taħt ordni ta' probation għal żmien tlett snin[38] filwaqt li fit-**28 Novembru 2012,** il-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, poġġa l-imputata taħt ordni probation għal żmien tlett snin[39]

- <u>Ksur ta' sentenzi sospiżi: Imputazzjonijiet numru 7 u 8</u>

B' sentenza tas-**6 ta' Jannar 2010**, il-Maġistrat Dr. Gabriella Vella ikkundannat lill-imputata għal sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin[40] filwaqt li fil-**15**

[34] Xiehda Deandra Zerafa a fol.963-965. Dokumentazzjoni **Dok.DZ** a fol.966 *et seq*
[35] Fol.1084. Vide Dokumentazzjoni **Dok.SCT** a fol.1086
[36] **Dok.JX8** a fol.956
[37] **Dok.JX7** a fol.947-955
[38] **Dok.JXZ2** a fol.928-931
[39] **Dok.JXZ5** a fol.944
[40] **Dok.JXZ3** a fol. 932-934

**ta' Mejju 2010** il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman ikkundannat lil Sultana għall-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin.[41]

Ġiet esibita sentenza oħra datata **4 ta' Mejju, 2009**, mogħtija mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fejn Sultana ingħatat sitt ġimghat priġunerija.[42]

Għalkemm l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet ta' riċiklaġġ, frodi għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali w reat kontravenzjonali kontemplati bl-artikolu 338(l), il-prosekuzzjoni naqset milli tindika b'aktar preċiżjoni u b'mod aktar speċifiku d-dati li fih seħħ l-għemil li dwaru ġiet reġistrata l-ammissjoni.

Dan qed jiġi emfasizzat propju peress li l-prosekuzzjoni għażlet li tinkwadra l-imputazzjonijiet f'parametri temporali daqshekk vagi *"Awissu 2021 u s-snin ta' qabel"*, aktar u aktar meta l-provi jiffokaw fuq l-introjtu mhux dikjarat minn *fortune telling* u *lot reading* fejn fi kliem l-Ispettur Xerri dawn **is-servizzi jidhru li bdew jingħataw mis-sena 2020**, l-istess prosekuzzjoni kellha tipprova id-data/i li fih/hom seħħ/ew il-ksur addebitat.

Ma dan in-nuqqas irid jittieħed kont tal-fatt ferm rilevanti li l-prosekuzzjoni stess torbot is-servizzi li kienet tagħti l-imputata ma <u>żmien speċifiku</u>. Fil-fatt l-Ispettur Xerri b'korrettezza xehed *"Saret ukoll analiżi tas-social media fejn irriżulta li sat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) hija kienet qed tagħmel użu minn profile bl- isem ta' Meg Sultana li dan ġie krejat għal ħabta tal-<u>erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018)</u> u hemmhekk bdew jidhru l-ewwel ritratti relatati ma' spiritwaliżmu u kienet qed iżżomm ukoll paġna bl-isem* ***"Fortune Teller – Spiritual Malta New Age Magic Wicca". Din il-paġna kienet ġiet krejata nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020).*** *Fuq dawn iż-żewġ paġni jiena kont tlabt li ssir extraction minn naħa tas-cyber crime tagħna u ġew preserved. Wara din id-data mbagħad, cioé tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) jidher li hija kienet bdiet tuża profile bl-isem "Fortune Teller"."*[43]

Jiġi kunsidrat ukoll li fid-*disclosure* li ngħatat Sultana, hi ġiet murija *Player activity report* mid-Dragonara Casino għas-sena 2019.[44] Id-*diary* esibit hu dak tas-sena 2020[45] filwaqt li fl-interogazzjoni tagħha saru domandi fuq <u>servizzi li</u>

[41] **Dok.JX4** a fol.935-943
[42] **Dok.JXZ1** a fol.926-927
[43] Fol.314
[44] **Dok.JX3** a fol.322 u **Dok.NA** a fol.483 *et seq*
[45] Fol.870

ngħataw fl-2020 u 2021.[46] Finalment ix-xhieda li irrikorrew għas-servizzi tal-imputata jiddikjaraw li dan seħħ fis-snin **2020-2021**.[47]

Għalhekk meta jitqies li s-sentenzi li ssir riferenza għalihom fl-imputazzjonijiet Numru 6 sa 9 jmorru lura sa għaxar snin, u fejn baqa' ma ġiex stabbilit u pruvat sal-grad mistenni ż-żmien speċifiku meta l-imputata kisret l-ordnijiet ta' *probation* u wettqet reati fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospiżi, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fuq dawn l-imputazzjonijiet. Iż-żmien kif addebitat fl-imputazzjonijiet huwa wiesa wisq biex il-Qorti jkollha dik iċ-ċertezza morali rikjesta għal sejbien ta' ħtija li l-imputata wettqet ir-reati lilha addebitati fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospiżi jew tal-ordnijiet ta' *probation* kif addebitata bihom. Hu biss fir-reliġjon li jingħad *"praestet fides supplementum senssum defectui"* iżda fi proċeduri penali għandu ikunu l-provi w xejn aktar li jwasslu biex imputazzjoni tiġi pruvata o meno. Fil-każ in deżamina baqgħet ma ngħabet l-ebda prova li turi b'mod ċar u inekwivokabbli dwar meta, tul dawn l-aħħar tnax il-sena (partikularment mill-2009, id-data tal-aktar sentenza antika) l-imputata wettqet ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija.

L-istess jingħad għal għaxar imputazzjoni li tittratta ordni ta' libertà kondizzjonata mogħtija mill-Imħallef Dr. Michael Mallia fil- **15 Jannar 2015** li permezz tagħha l-imputata ingħatat *conditional discharge* għal sena.[48]

Konsegwentement fin nuqqas ta' provi sal-grad rikjest rigward id-dati li fihom seħħew id-diversi ksur ta' ordnijiet kontemplati bl-artikoli 7 u 22 tal-*Att dwar il-Probation,* kif ukoll ksur ta' sentenzi sospiżi kif addebitat lill-imputata bl-imputazzjonijiet 6 sa 11, l-imputata qed tiġi liberata mill-imsemmija imputazzjonijiet. Għall-istess raġuni ma jistax jiġi determinat b'ċertezza li l-imputata hi reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[46] **Dok.KV** a fol.799 *et seq*

[47] Vide depożizzjonijiet tad-diversi xiehda a fol. 587; 625; 678; 682; 685; 690; 694; 706; 745; 758; 765; 768; 770; 777; 781; 784; 788; 819; 854; 857; 858; 891; 897; 902; 904; 906; 913 u 1065. Vide ukoll **Dok.EMG** a fol.635 *et seq;*

[48] **Dok.JX7** a fol.947-955

L-imputata tinsab imputata wkoll li kissret il-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest: Imputazzjoni numru 13.

L-uffiċjal prosekutur fil-proċediment kontra l-imputata, Spettur Jurgen Vella[49], ikkonferma il-kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest mogħti nhar it-23 ta' Jannar 2013 mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima.[50] Il-kawża illum tinsab għas-sentenza quddiem il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli.[51] B'hekk din l-imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad rikjest.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serji li dwarhom qed tinstab ħtija, inkluż l-għemil kontravenzjonali li madankollu kien wieħed li permezz tiegħu l-imputata ma iddejqet xejn tisfrutta l-vulnerabilità ta' persuni li fittxew dak li f'għajnejhom kien jammonta għall-għajnuna tagħha. Ma jridx jintesa li saħansitra kien hemm min ikkontempla li jagħmel suwiċidju w għadu taħt kura kawża tal-viżti li kellu mal-imputata.

Ittieħed kont tal-fatt li l-piena kontemplata għar-reat ta' frodi hi dik ta priġunerija fejn il-minimu kontemplat bl-artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u dak ta' sentejn priġunerija.

Ġie kunsidrat ukoll li l-imputata għandha fedina penali mżewwqa għal aħħar fejn jidher biċ-ċar li ma għarfitx issarraf f'ġid għaliha u tiġdid tagħha nfisha l-opportunitajiet mogħtija lilha fil-passat minn qrati diversi. L-ammissjoni tagħha, għalkemm ma saritx f'xi stadju bikri, wkoll ittieħdet in konsiderazzjoni.

Ittieħed kont ukoll tal-fatt li dan hu każ ta' *Self-Laundering*, għemil perpetrat sforz ta' vizzju tal-logħob u mhux xi tip ta' riċiklaġġ ta' natura elaborata. Ma dan tiżdied konsiderazzjoni oħra, dik li meta jitqies kemm lagħbet Sultana u kemm rebħet jidher biċ-ċar li hi ħarġet telliefa aktar milli ħarġet rebbieħa. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ma tqisx li piena karċerarja tkun piena idoneja.

Rigward l-imputazzjoni numru tlettax (13) ġie kkunsidrat ukoll li d-digriet dwar kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest jirrisali għal 2013 u illum il-proċeduri huma avvanzatissimi tant li għandha tingħata sentenza fuqhom fiż-żmien li ġej. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi il-Qorti ma tqis li għandha tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputata u lanqas tikkonfiska l-garanzija intera.

---

[49] Fol.1071-1072

[50] Fol.23. Vide xiehda Deputat Reġistratur Anthony Pace a fol.1163 u kopja awtentikata tal-kundizzjonijiet **Dok.AP1** a fol.1166 *et seq*

[51] Fol.1121

Il-Qorti qieset ukoll li t-tielet imputazzjoni hi alternattiva għat-tieni imputazzjoni li dwarha qed tinstab ħtija. Għaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet numru erba', sitta, seba', tmienja, disa', għaxra u ħdax, kif ukoll tilliberaha mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 308, 310(1)(a), 338(l) u 579(1)(2)(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannaha għal piena ta' **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum u *multa* ta' **tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000)**.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputata, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[52]

Inoltre` ai termini tal-imsemmi artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta ta' erbat elef ewro (€4,000) rapprezentanti parti mill-ammont tal-garanzija hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima fit-23 ta' Jannar, 2013.[53]

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħatja tħallas l-ammont ta' **€1,053.98** rappreżentanti spejjez peritali.

Finalment tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

52 Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.

53 **Dok.AP1** a fol. 1166 et seq